... ikompli minn paġna 2

F'Betlehem, Ġużeppi kien kreattiv u mill-istalla ħoloq post akkoljenti. Bit-theddida ta' Erodi fuq rasu, Ġużeppi għaraf jorganizza l-ħarba bil-lejl lejn l-Eġittu. Xi drabi Alla jidher li mhux qed jgħinna, imma dan ma jfissirx li telaqna waħidna. Hu jafda fil-kapaċità tagħna li nkunu kreattivi, u nsibu soluzzjoni. **San Ġużepp kien mastrudaxxa li ħadem** b'mod onest biex jiżgura l-għajxien tal-familja tiegħu. Minnu Ġesù tgħallem il-valur u d-dinjità ta' min jaqla' x'jiekol bl-għaraq ta' ġbinu. Ix-xogħol ta' San Ġużepp ifakkarna li lanqas Ġesù nnifsu ma stmerr ix-xogħol, u jalla li bl-għajnuna tagħhom, kull żagħżugħ/a, persuna jew familja jkollha x-xogħol xieraq. Ġużeppi għaraf iqiegħed fiċ-ċentru ta' ħajtu lil Marija u lil Ġesù, mhux lilu nnifsu. **Ġużeppi kien qisu d-dell tal-Missier** fil-ħajja ta' Ġesù. Ħarsu, ipproteġieh, ma telqu qatt, imma ma riedx li l-ħajja ta' ibnu jgħixha hu għalih. Ftit ftit ra lil ibnu jgħaddi mingħajru, isir awtonomu u jimxi waħdu fit-toroq tal-ħajja. Fehem li ibnu ma kienx tiegħu imma sempliċement fdat fil-ħarsien tiegħu.

**B'tant ħlewwa** għallmu u rah jikber jum wara jum fil-valuri. Nistgħu ngħidu li f'Ġużeppi, Ġesù ra b'għajnejh il-ħlewwa ta' Alla. Jgħallimna li l-fiduċja tagħna f'Alla tfisser ukoll li nemmnu li Hu jista' jaħdem imqar bil-beżgħat u d-dgħufijiet tagħna. Ħadem anki permezz tal-ansjetà ta' Ġużeppi! Jgħallimna li fil-maltempati tal-ħajja għandna nħallu f'idejn Alla t-tmun tad-dgħajsa tagħna għax "ħarstu dejjem akbar minn tagħna". **Ġużeppi kien jaf iħobb** tant li kien lest jagħti ħajtu għal Marija u Ġesù. Ħadem għalihom, tahom qalbu u kull ħila tiegħu. Għalhekk Ġużeppi dejjem kien maħbub ħafna mill-Insara, u li l-fiduċja tagħhom fih tista' tinġabar fl-espressjoni: *"Morru għand Ġużeppi!"*

Fl-aħħar mill-aħħar Papa Franġisku jistqarr li fil-figura ta' San Ġużepp, b'din il-qalb hekk nobbli, nistgħu lkoll nagħrfu kif għandu jkun missier, li tant għandha bżonn id-dinja, wisq aktar aktar milli ħakkiem: ***"il mondo ha bisogno di padri, non di padroni"***. U li f'dan il-każ ta' San Ġużepp, l-għajdut li wara kull personaġġ kbir ikun hemm mara, ukoll jiġi ppruvat ... għax fil-każ tiegħu nsibu lil Marija.

## TALBA LIL SAN ĠUŻEPP

***Mill-Ittra Appostolika "Patris Corde" - B'Qalb ta' Missier - ta' Papa Franġisku***



**Sliem għalik, ħarries tal-Feddej,**
**u għarus tal-Verġni Marija.**
**Lilek Alla fdalek lil Ibnu:**
**fik Marija qiegħdet il-fiduċja tagħha;**
**miegħek Kristu trawwem bħala raġel adult.**
**O Mqaddes Ġużeppi,**
**kun missier għalina wkoll,**
**u mexxina fit-triq tal-ħajja.**
**Aqlgħalna l-grazzja, il-ħniena u l-kuraġġ,**
**u ħarisna minn kull deni. Ammen.**



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## SAN ĠUŻEPP

### IR-RAĠEL LI MA JIĠIX INNUTAT IŻDA BI RWOL UNIKU FL-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI



Permezz tal-1 ta' Mejju, jum li fih in-fakkru lil San Ġużepp Ħaddiem, ejjew nieħdu l-ispunt li nirriflettu dwar il-qaddis u ġust San Ġużepp, f'din is-sena speċjali li Papa Franġisku ddedika lilu.

***Ittra Appostolika li timmarka Sena ddedikata lil San Ġużepp***

Kien fit-8 ta' Diċembru 2020 il-Papa Franġisku ħareġ Ittra Appostolika ***"Patris Corde"*** (*B'Qalb ta' Missier*) fl-okkażjoni tal-150 anniversarju minn meta l-Beatu Papa Piju IX fl-1870 iddikjara lil San Ġużepp bħala patrun tal-Knisja kollha, u permezz ta' din l-ittra, Papa Franġisku ħabbar ukoll 'Sena Ġużeppina', li bdiet mis-Solennità tal-Kunċizzjoni tal-2020 u tibqa' sejra sal-istess festa fl-2021.

Il-Papa, li ma joqgħodx lura milli juri bis-sħiħ il-qima u d-devozzjoni tiegħu lejn dan il-Qaddis permezz ta' diversi ġesti u f'diversi okkażjonijiet, qal li l-pandemija għenitna nindunaw kemm niddependu minn persuni li bħal San Ġużepp jgħaddu minn quddiemna, jagħmlu xogħolhom kuljum fis-skiet u aħna ma nagħtux kashom: għenitna naraw b'mod iktar ċar l-importanza ta' nies 'ordinarji' li, għalkemm 'il bogħod mill-attenzjoni, jeżerċitaw il-paċenzja u joffru tama kuljum. F'dan, jixbħu lil S. Ġużepp, *"ir-raġel li ma jiġix innutat, li l-preżenza ta' kuljum tiegħu kienet diskreta u moħbija"*, u li madanakollu kellu *"rwol inkomparabbli fl-istorja tas-salvazzjoni"*.

***L-ewwel kitbiet li nsibu fuq dan il-qaddis***

San Mattew u San Luqa, bl-evanġeli tagħhom, tawna l-ewwel dettalji dwar din il-figura. Skont San Mattew, San Ġużepp ġej mir-razza ta' David, u San Luqa wkoll juri dan: *"Ġużeppi, **bin David**, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek."* San Ġużepp ġie msejjaħ minn Alla, hekk kif qallu l-anġlu fil-ħolm, biex bħala raġel ġust ikun il-missier legali ta' Ġesù, u dan huwa muri billi kien hu li kellu jagħtih l-isem fil-jum taċ-ċirkonċiżjoni.

Hekk lil San Ġużepp nibdew nagħrfuh bħala l-Kustodju msejjaħ minn Alla biex jieħu ħsieb lit-tarbija Ġesù u lil Marija, ommu, waqt li jilqagħha b'martu, bħalma fl-aħħar mill-aħħar kien fil-ħsieb oriġinali li jagħmel biż-żwieġ tiegħu ma' Marija. San Ġużepp jissemma' ukoll mhux biss fil-vjaġġ lejn Betlehem fejn twieled Ġesù, imma wkoll fil-vjaġġi lejn u lura mill-Eġittu fejn meta mar ma' Marija biex isalvaw lil binhom Ġesù mill-għira u l-vjolenza ta' Erodi, hekk kif jurina San Mattew. San Luqa jerġa' jsemmih meta Ġesù ntilef fit-tempju u wara 3 ijiem sabuh.

### *L-Istorja tad-Devozzjoni*

Fl-ewwel 3 sekli tal-Knisja, l-attenzjoni ftit li xejn kienet fuq San Ġużepp, ladarba l-kwistjonijiet dottrinali dwar Ġesù kienu jieħdu prominenza. Kien fir -IV seklu li San Ġużepp reġa' ssemma minn San Ġwann Kriżostmu, San Ġilormu, u Santu Wistin, b'dan tal-aħħar jitkellem fuq il-qdusija u ż-żwieġ tiegħu. Id-devozzjoni lejh bdiet mill-Insara Kopti fl-Eġittu, filwaqt li fil-Punent San Ġużepp reġa' ssemma fit-XIII-il seklu minn San Tumas, li kiteb fuq iż-żwieġ qaddis ta' Ġużeppi u Marija, u fuq il-Verġinità tagħha. Fl-1495, l-Arċisqof ta' Chambrai kien għamel trattat fuq it-12-il Glorja ta' San Ġużepp. San Bonaventura, il-kittieb Franġiskan tant magħruf, ukoll kiteb fuqu, filwaqt li San Bernard ta' Siena għamel studju billi ħa ħsieb jgħaqqad il-kitbiet ta' qabel biex it-tagħlim jinġabar fi ktieb wieħed. Fis-seklu XV Isidoro Isolari għamel trattat ta' Teoloġija Ġużeppina magħrufa bħala: *'Summa de Donis Sancti Joseph'*. U fl-1621, il-Papa Girgor XV stabilixxa l-festa ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu bl-obbligu tal-quddies, u nhar it-8 ta' Diċembru 1870, San Ġużepp ġie ddikjarat Patrun tal-Knisja Universali mill-Beatu Papa Piju IX.

Fuq San Ġużepp kitbu wkoll San Piju X, Papa Benedittu XV, Papa Piju XI u Papa Piju XII, b'dan tal-aħħar jasal biex fl-1955 jiddedika l-1 ta' Mejju lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Ħaddiema. Il-Papa San Ġwanni XXIII għażel lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Konċilju Vatikan II f'ittra tiegħu tad-19 ta' Marzu 1961, u San Ġwanni Pawlu II ukoll joffrilna riflessjoni importanti dwar San Ġużepp fl-1989 permezz tal-Eżortazzjoni Appostolika: *'Redemptoris Custos'*. Finalment, fl-2020, Papa Franġisku bl-Ittra Appostolika *'Patris Corde'*, ittra fiha 7 taqsimiet, wkoll joffrilna riflessjonijiet mill-isbaħ fuq il-kwalitàjiet li kellu San Ġużepp.

### *Il-kwalitàjiet ta' San Ġużepp*

Alla wera l-pjanijiet tiegħu lil Ġużeppi permezz ta' 4 ħolmiet u **San Ġużepp obda dejjem**: meta għeleb it-tħassib tiegħu u salva lil Marija, meta ħa l-familja miegħu lejn l-Eġittu bla ma qies id-diffikultajiet, meta ħa l-familja lura lejn pajjiżu, u meta warrab lejn il-Galilija. F'kull ċirkustanza f'ħajtu, Ġużeppi lissen, "Ikun dak li trid int" – bħal Marija meta dehrilha l-Anġlu, u bħal Ġesù fil-Ġetsemani. **San Ġużepp laqa' lil Marija** bla ma poġġa kundizzjonijiet minn qabel. Meta kien fid-dubju dwar x'għandu jagħmel, Alla qallu, *"Ġużeppi, bin David, xejn la tibża'!"* Lilna wkoll jgħidilna: *"La tibżgħux!"* Il-fidi ma tfissirx li nsibu soluzzjonijiet faċli imma li naffrontaw b'għajnejn miftuħa dak li jiġri f'ħajjitna u nerfgħu r-responsabbiltà. L-akkoljenza ta' Ġużeppi tistedinna nilqgħu lill-oħrajn, mingħajr esklużjoni, hekk kif inhuma, b'għożża partikulari għad-dgħajfin! Fid-diffikultajiet tagħna Alla "jindaħal" permezz tal-ġrajjiet u l-persuni. Alla "ndaħal" fid-diffikultajiet ta' Ġesù u Marija permezz ta' **Ġużeppi u l-kuraġġ kreattiv tiegħu**.

*... ikompli paġna 4*



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Mejju 2021

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 1 ta' Mejju | **San Ġużepp Ħaddiem** |
| Il-Ħadd 2 ta' Mejju | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ġimgħa 7 ta' Mejju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Is-Sibt 8 ta' Mejju | **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**<br>Fil-11:15am - Rużarju<br>Fil-11:30am - Quddiesa, li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali |
| Il-Ħadd 9 ta' Mejju | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid – *Jum l-Omm***<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja)* |
| It-Tnejn 10 ta' Mejju | **Festa trasferita ta' San Ġorġ Preca**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali animata mill-membri tal-MUSEUM.<br>*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.* |
| Il-Ħadd 18 ta' Mejju | **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi**<br>Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. |
| Il-Ħadd 23 ta' Mejju | **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof.<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ħadd 30 ta' Mejju | **Festa tat-Trinità Qaddisa**<br>Fl-10:30am - Quddiesa li fiha tiġi ċċelebrata l-Ewwel Tqarbina. |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Liam Portelli
Bianca Baldacchino
Matteo Borg Navarro

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Nicholas Mallia u Larissa Portelli
Christopher Micallef u Rita Attard

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Joseph Gauci Mary Busuttil

***Nitolbu għalihom!***

